SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX (KONTINWAZZJONI NUMRU 2)**

**22 ta' Lulju, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATI**

Is-Sindku Joseph Agius, l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

Il-Viċi Sindku qara ittra ta' risposta għall-artikli li dehru dwar l-indafa f'San Ġwann, fejn wara xi emendi żgħar giet approvata unanimament sabiex tiġi mibgħuta lil Edituri tal-ġurnali "L-Orizzont" u "Il-Kullħadd".

Il-Kunsill kien infurmat b'applikazzjoni li saret sabiex jitpoġġew imwejjed fi ġnien pubbliku fi Triq Birkirkara ma' Triq San Ġiljan, fejn kienet unanimament ikkonfermata d-deċiżjoni li ma jinħareġ permess lil ħadd biex jitqegħdu mwejjed f'dan il-ġnien pubbliku.

Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-ħtieġa li mitluba mill-Awdituri Lokali ftit tal-jiem ilu sabiex jiġu approvati mill-ġdid l-Istqarrijiet Finanzjarji bl-aġġustamenti wara l-verifika tal-istess awdituri għall-istqarrijiet li l-Kunsill kien approva fi Frar, 2010.

Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

"*Il-Kunsill japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji bl-aġġustament kif imressqa għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31 ta' Diċembru, 2010*."

Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u kienet approvata unanimament.

F'dan l-istadju kienet ukoll diskussa l-proposta li jrid *recording* tal-laqgħat, fejn wara li kienet moqrija l-parti relevanti mil-Liġi, l-Viċi Sindku ta *ruling* illi jiġi mitlub il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-użu li jista' jsir minn tali *recording* u li t-tweġiba tad-Dipartiment tiġi kkomunikata lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

Il-Viċi Sindku ħabbar li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss hi skedata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Awissu, 2010 fil-5.30pm, fejn kien hemm ukoll qbil unanimu illi peress li s-Segretarju Eżekuttiv se jkun imsiefer il-Minuti ma jiġux iċċirkolati mal-aġenda iżda li dawn jiġu mibgħuta sal-ġurnata ta' Tnejn ta' qabel il-laqgħa.

**12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

12.9.1 Il-Kunsill approva kwotazzjoni mingħand is-Sur James Sghendo għal tiswijiet fil-latrina pubblika li tammonta għal €130.

12.9.2 Il-Kunsill unanimament approva kwotazzjoni mingħand *Twish Co Limited* għat-tiswijiet ta' xatba u manutenzjoni ta' oħrajn madwar Ġnien Karen Grech.

12.9.3 Kien ukoll diskuss il-ħtieġa li jkun hemm manutenzjoni regolari ta' dan l-apparat kollu tal-ġnien.

12.9.4 Fir-rigward tal-bankijiet ordnati sabiex jeħlu fl-istess ġnien, il-Kunsill kien infurmat li l-kuntrattur wiegħed li dawn se jkunu twaħħlu sa mhux iktar tard minn ġimgħa mid-data tal-laqgħa.

12.9.5 Il-Kunsill unanimament approva kwotazzjoni ta' €568, kif mgħoddija mill-*Contracts Manager* responsabbli, sabiex issir lampa ġdida ta' dawl pubbliku fi Triq il-Ballut.

12.9.6 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li talba għal ċaqliq ta' bozza fi Triq l-Imsieraħ għadu ma seħħx.

12.9.7 Il-Kunsill unanimament approva kwotazzjoni ta' madwar €2000, kif mgħoddija mill-*Contracts Manager* responsabbli, għal installar ta' *belisha lights* fi Triq is-Santwarju.

12.9.8 Il-Kunsill unanimament approva li talba għal *pedestrian crossing* fi Triq Birkirkara tiġi referuta lil Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

12.9.9 Il-Kunsill unanimament approva li skema proposta mit-*Transport Malta* għal bidu ta' Triq R. Caruana Dingli, u fuq parir tal-Perit tal-Kunsill, ma tiġix aċċettata.

12.9.10 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-laqgħa tal-Kunsill waqfet għal ħames minuti, fis-7.15pm.

12.9.11 Il-laqgħa tkompliet fis-7.20pm.

12.9.12 Il-Kunsill kien mgħarraf bil-preżentazzjoni tad-donazzjoni taċ-ċekk lil *Puttinu Cares* bħala donazzjoni miġbura waqt attivita' lil Kunsill, fejn rendikont tal-istess attivita' u li kien hemm qbil li jiġi ċirkolat lil Membri kollha tal-Kunsill.

12.9.13 Kien hemm qbil unanimu li ssir talba lil *Transport Malta* sabiex **"~~Triq is-Santwarju~~" "Triq Ta' Gawdieri"** issir *one way*.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.14 Wara rapport imressaq mill-Perit tal-Kunsill, saret diskussjoni dwar *pedestrian crossing* fil-parti t'isfel ta' Triq R. Caruana Dingli.

12.9.15 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

12.9.16 "*Il-Kunsill jaqbel li ssir pedestrian crossing fi Triq R. Caruana Dingli u li tinkludi l-belisha lights, hekk kif propost minn Transport Malta.*"

12.9.17 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata b'ħames voti favur u wieħed kontra.

12.9.18 Il-Kunsill unanimament approva li ssir talba lil **"*~~Transport Malta~~*" "Kumitat Amministrattiv tal-Kappara"** sabiex huma jagħmlu

*pededstrian crossing* fi Triq Birkirkara peress li din hi triq taħt ir-responsabilita' tagħhom.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.19 Wara li kien ippreżentat rapport u stima mill-Perit tal-Kunsill dwar manutenzjoni ta' bankina fi Triq Salvu Busuttil li ammontat għal €6300 kien hemm qbil unanimu li jsir pjan sħiħ għal manutenzjoni tal-bankini u għal dan il-għan il-Kunsillieri kienu se jkunu mitluba sabiex jibgħatu l-ismijiet tat-toroq li fihom hemm bzonn tali manutenzjoni.

12.9.20 Il-Kunsill ma approvax stima ta' €936 għall-installar ta' sistema ta' CCTV mal-uffiċċju amministrattiv, sew barra u ġewwa, iżda li din terġa titressaq iktar 'il quddiem.

12.9.21 Il-Kunsill unanimament approva li l-Perit tal-Kunsill jiġi nkarigat iħejji rapport dwar il-possiblita' li ssir *pedestrian crossing* fi Triq il-Kappella.

12.9.22 Il-Kunsill innota abużżi li qed iseħħu mill-ġdid f'diversi postijiet pubbliċi speċjalment ġonna u pjazez, fejn kien infurmat li tlesta x-xogħol f'Misraħ Awrikarja u diġa saru atti ta' vandaliżmu, fejn kien hemm qbil li **"~~tintbagħat ittra lir-residenti~~" "jsir *poster* mal-*poles*"**u li fih**a** tintalab il-koperazzjoni tagħhom u li japprezzaw il-ħidma tal-Kunsill.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.23 Fir-rigward tal-abbużżi li qed isiru fi Triq iċ-Ċedru kif ukoll f'Misraħ **"~~Lourdes~~" "Lewża"** kien hemm qbil unanimu li jkun infurmat il-*Contracts Manager* kif ukoll li tintalab sorveljanza mill-Gwardjani Lokali u Ambjentali.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.24 Fir-rigward ta' petizzjoni minn **"ftit"** residenti fi Triq Stefanotis għat-tneħħijja ta' żewġ *sleeping policeman* kien hemm qbil li għalkemm ma kienet riċevuta l-ebda risposta min-naħa ta' *Transport Malta*, li din titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.25 Il-Kunsill iddiskuta proposta mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss sabiex jiġu mnaqqsa l-iskips il-ħodor li hemm iktar milli jistipola l-kuntratt, fejn kien deċiż li jitneħħew skips ta' skart imħallat li jinsabu f'dawn it-toroq: **"Triq il-Fuxa,"** Triq Giuseppe Grech, Triq tal-Balal, Triq il-Ġewza, Triq San Ġiljan, Triq San Ġwann tal-Għargħar, Vjal ir-Rihan, Triq John F. Marks u Triq il-Baħar l-Iswed, li ġiet imressqa dik minn Triq ir-Rummien għal Triq Żnuber kif ukoll dik fi Triq Santa Margerita u li jsiru l-linji sofor ħalli juru eżattament

fejn dawn għandhom ikunu, liema proposta kienet approvata unanimament.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.26 Kien hemm qbil unanimu li jsir rapport lil-*WSC* għal manutenzjoni tat-triq riżultat ta' **"~~trinka~~" "trinek"** għal mejn tal-ilma li kienu għamlu fi Triq il-Gladjoli.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.27 Kien hemm qbil li ssir ordni ta' tabella tat-traffiku li turi s-sistema ta' *short stay parking* fi Triq il-Mensija peress li din hi nieqsa kif ukoll li ssir manutenzjoni tat-tabelli l-oħra li hemm fl-istess triq.

12.9.28 Il-Kunsill approva talba sabiex *bollards* li tneħħew minn mal-iskips jitpoġġew minnhom fi **"~~Triq in-Naxxar~~" "Vjal ir-Rihan"**.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.9.29 Fir-rigward tal-konferenza tal-ECAD u li se ssir f'Settembru li ġej, il-Kunsill approva li tattendi l-Kunsillier Violet Bajada u li dan ikun jinkludi l-akkomodazzjoni ta' tlett iljieli.

## 12.11 Mozzjonijiet: a. Skip fi Triq Żnuber, b: Parkeġġ bil-ħin fi Triq in-Narċis

12.11.1 Il-Kunsill qabel li l-mozzjoni dwar Triq iż-Żnuber kienet diġa meħuda azzjoni dwarha bit-tmexxija ta' skip f'din it-triq, filwaqt li dik dwar Triq in-Narċis kienet ukoll diskussa fil-Kunsill b'riżultat tad-diskussjoni li kien hemm dwar petizzjoni dwar l-istess suġġett għall-istess triq.

12.11.2 Għaldaqstant ma kienx hemm ħtieġa ta' diskussjoni u vot dwarhom.

## 12.12 Data tas-seduta li jmiss

12.12.1 Is-seduta li jmiss kienet imsejħa għal nhar it-Tlieta 3 ta' Awissu, 2010 fil-5.30pm.

12.12.2 Il-Viċi Sindku għalaq is-seduta fit-8.00pm.

Konfermati, illum **1 ta' Novembru** ~~Awissu~~, 2010

________________________

~~Joseph Agius~~ **David Dalli***
~~Sindku~~ **Viċi Sindku**

________________________

Adrian Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

*(peress li s-Sindku kien skużat fil-laqgħa numru 14 (kont. 1) tal-1 ta' Novembru, 2010)